MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru. 157/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**ADRIAN BONELLO ta' 33 sena, iben Paul u Grace nee' Azzopardi, imwieled l-Imtarfa nhar id-9 ta' Novembru, 1975, residenti fil-fond numru 22, Triq Bir ir-Riebu, Sqaq nru 3, Rabat, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 492275M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ADRIAN BONELLO** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Frar, 2009 ghall-habta ta' 15.15hrs, gewwa r-Rabat, irrezista lil PC 1546, PC 362, WPC 145 u

PS 1225, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, u kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1546 Francis Gauci, kif iccertifika Dr R Attard Biancardi u ferita ta’ natura hafifa izda per durata fuq il-persuna ta’ PS 1225 Mario Fenech salv kumplikazzjonijiet, kif iccertifikat Dr Sarah Vella tac-Centru tas-Sahha tar-Rabat;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi hedded lill-Ispettur Joseph Agius, lil PS 1125, PC 1546, PC 362, u PS 426 b’nies prominenti u li permezz taghhom ser jaghmlilhom hsara u dan sabiex itellifhom milli jaghmlu xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom;

3. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi gewwa r-Rabat, irrezista bi vjolenza lill-istess membri tal-Korp tal-Pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

4. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

5. U aktar talli huwa recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, fosthom dik ta’ l-20 ta’ Ottubru, 2008 li giet definittiva u effettva.

Rat li fi stadju ta’ l-interrogatorju l-akkuzat ammetta l-akkuzi kif addebitati lilu, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata;

Rat li l-Qorti ordnat li l-akkuzat jigi ezaminat minn Dr Joseph Spiteri. Ghalhekk fis-seduta sussegwenti l-Qorti semghet lil Dr Joseph Spiteri u f’dan ir-rigward anke lil Vicky Scicluna, rapprezentanta ta’ l-Agenzija Sedqa.

Ikkunsidrat:

Illi wara dak li xehdu l-imsemmija, din il-Qorti ghaddiet anke biex tisma’ t-trattazzjoni dwar il-piena, dan wara li sabet il-htija ai termini ta’ l-Artikoli 95, 96, 221 u 339 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset ukoll il-fedina penali tieghu;
Qieset illi l-ahjar piena hija dik ta’ Ordni ta’ Probation u qieghda ghalhekk wara li rat l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lil Adrian Bonello taht Ordni ta’ Probation ghal sena(1) mill-lum, b’dan illi huwa ghandu jsegwi dawk id-direttiri lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation John Testa, li huwa hekk mahtur ghal dan l-iskop.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------